# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 18**

**Ċitazzjoni numru 12/93/3 AF**

**L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bħala prokuratur speċjali għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Jan Hendrik Van Den Hoek dan tal-aħħar f'ismu propju u bħala leġittimu rappreżentant ta' ibnu minuri Fenno Tibe Van Den Hoek**

**v.**

**Id-Direttur tal-Psikjatrija fl-Isptar Monte Carmeli;**

**It-Tabib Prinċipali tal-Gvern;**

**Is-Segretarju Parlamentari tas-Saħħa u l-Onorevoli Ministru tal-Intern u Żvilupp Soċjali, u b'digriet tas-7 ta' Marzu 2017, il-Qorti ordnat li jidħol il-Ministru tas-Saħħa minflok 'is-Segretarju Parlamentari tas-Saħħa u l-Onorevoli Ministru tal-Intern u Żvilupp Soċjali';**

**u b'digriet tal-15 ta' Ottubru 1993 ġew nominati l-Avukat Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bħala Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Tabib Joseph Spiteri, u b'digriet tat-8 ta' Marzu 1995 Dr. Joseph Spiteri assuma l-atti f'ismu proprju.**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-Avukat Louis Cassar Pullicino *nomine*, minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ottubru, 2016, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur *nomine*, u dan wara li laqgħet l-eċċezzjoni tat-Tabib Joseph Spiteri u t-tielet eċċezzjoni tal-bqija tal-imħarrkin;

2. L-Ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni billi għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> *"Dwar il-mertu, kif inghad il-Qorti diversament presjeduta hatret espert mediku. L-espert mediku mahtur mill-Qorti Dr. George Debono, wara li qies ic-cirkostanzi ta' qabel sehhet id-disgrazzja, meta l-pazjenta ddahlet l-isptar, fir-rapport tieghu kkonkluda fost affarijiet ohra:*
>
> > *"1. Following a suicidal attempt patient was admitted to ward M2 at St. Luke's Hospital until physically she was better and then transferred to the psychiatric unit for further psychiatric treatment. M2 staff reported no abnormal behaviour in the patient during her stay there.*
> >
> > *2. Patient was transferred to Mount Carmel Hospital because there were no beds available. One has to note that suicidal patients are not kept in the psychiatric unit.*
> >
> > *3. On admission to Mount Carmel she was fully examined by doctor Joseph Spiteri accompanied by staff nurse Mrs. Connie Magro together with the patient's husband.*
> >
> > *4.On examination patient had no signs of depression or psychosis, though she stated that she had voices before but now they have gone.*

*Patient was calm and cooperative and accepted voluntary stay in Hospital.*

*5.Since patient appeared to have a relapse of her mental condition after cessation of Fluanxol injection, doctor Joseph Spiteri prescribed it again but had to be given later on in the day since patient was still very tired recovering from the overdose and were expecting blood tests. It is normal that following an overdose all medication stopped until patient is fully physically recovered. It is also important to note that having had the injection of Fluanxol on admission or later, it would not have made any difference as the medication starts to become effective after the third day or even more.*

*6. Patient's husband was with her till 4pm, that is about half an hour before the incident. Though he spoke to the staff before he left, he stated only that she was tired. I presume that had he noticed more than that he would have reported it.*

*7. Patients kept in female ward 6 are under collective supervision. Depending on the observation, patients' treatment on the ward may be changed accordingly. In this case there was only a short term of observation before the incident".*

*Huwa jikkonkludi illi:*

*"From careful examination of the evidence I could not find any lack of management or medical negligence in this unfortunate case." (enfasi mizjud mill-Qorti)*

*Ir-rapport tal-perit legali wara li ghamel referenza ghall-provi migbura, ghar-rassenja gurisprudenzjali in materja u ghar-rapport mediku li ezonera lill-konvenuti mill-aspett mediku, ghadda sabiex ghamel analizi dwar kienx hemm negligenza da parti tal-konvenuti mill-aspett legali. L-istess perit ikkonkluda:*

*"76. Illi sabiex il-konvenuti jew min minnhom jigu dikjarati responsabbli ghal dan il-kaz sfortunat irid jigi ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi nuqqas da parti taghhom li jezercitaw id-diligenza li professjonist ordinarju fosthom tabib mistenni jezercita. It-test huwa wiehed oggettiv u ma jirrizultax illi l-konvenut Dr. Joseph Spiteri naqas li jaqdi d-doveri tieghu skond l-ahjar hila tieghu jew li naqas milli jezercita l-professjoni tieghu bid-degree of skill li suppost ghandu t-tabib u ghaldaqstant konsegwentement l-istess ghandu jinghad ghall-konvenuti kollha.*

*77. Illi sabiex tinstab xi forma ta' htija ta' negligenza kemm da parti tat-tabib u kemm tal-istaff mediku jrid jirrizulta illi kien hemm xi regolamenti illi ma gewx osservati. Jirrizulta kemm it-tobba kif ukoll l-istaff tal-isptar illi minhabba nuqqas ta' regolamenti dawn kienu jimxu bil-prassi, liema prassi giet osservata kemm mit-tabib kif ukoll mill-istaff mediku u dana kif ikkonfermat mill-espert mediku.*

*78. In vista tal-premess l-esponent jissottometti bir-rispett illi ma hemmx lok li jirrelata dwar iz-zewg eccezzjonijiet ta' natura procedurali imressqa mill-konvenuti kollha hlief ghat-tabib Joseph Spiteri.*

*79. Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-esponent jissottometti bir-rispett illi ghandha tigi milqugha l-eccezzjoni tal-konvenut Tabib Joseph Spiteri kif ukoll t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti kollha hlief ghat-tabib Joseph Spiteri u t-talba tal-attur ma ghandhiex tigi milqugha".*

*In tema legali dwar il-konsiderazzjoni li l-Qorti ghandha taghti lir-rapport peritali, jinghad illi f'materja ta' valur ta' prova dwar ir-rapport tekniku l-insenjament gurisprudenzjali huwa fis-sens li, ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, il-Qorti mhix tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha. Huwa tenut ukoll il giudizio dell'arte kif espress mill-Perit Tekniku m'ghandux jigi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollu tac-cirkostanzi rragjonevoli. Il-Qorti m' ghandhiex tiskarta l-konkluzjonijiet tal-espert, specjalment fuq materja purament teknika, b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha ghandha tkun "infurmata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika" (App. Civili Giswarda Bugeja v. Emmanuele Muscat, Vol. LI/1/390; u App. Civili Philip Grima v. Carmelo Mamo, 29 ta' Mejju, 1998). Ara ukoll Dingli Estates & Co v. Mangion, deciza mill-Onor. Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju, 2002 fejn inghad illi "f'materja ta' perizja teknika japplika l-principju li sakemm ma jigux indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz li jinducuha li tisostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tekniku, dan ma taghmlux". Finalment fuq dan l-aspett l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Benjamin Camilleri noe v. Charles Debattista et noe, 9 ta' Frar, 2001 qalet illi "f'cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti nominati minnu". (Ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, tat-30 t'April, 2013, fl-ismijiet Joseph Micallef v. Dr. Ivan Vella et.)*

*Inoltre kif kellha okkazjoni tirrileva din l-istess Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Carmel Vella v. Victor Sammut, deciza fit-18 ta' Frar, 2004, fejn intqal:*

*"Issa huwa pacifiku f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-gudizzju tal-Qorti kellu necessarjament ikun bazat fuq l-opinjoni teknika tal-perit nominat minnha. Dan aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha koncessa b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali. Ara "Giswarda Bugeja et -vs- Emmanuele Muscat et", Appell Civili, 23 ta' Ġunju 1967."*

*Hekk ukoll f'dan il-kaz, hadd mill-partijiet ma ghamel eskussjoni tal-periti tal-Qorti jew talbu li jigu nominati periti addizzjonali.*

*Dwar ir-responsabbiltà ghal dak li sehh, huwa principju stabbilit skont l-artikolu 1031 tal-Kodici Civili li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bil-htija tieghu. L-artikolu 1032 imbaghad jghid espressament illi jitqies fil-htija min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Dan sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (artikolu 1132 tal-Kodici Civili) kif ukoll dak extra kontrattwali (artikolu 1032 imsemmi). B'mod partikolari, skont l-artikolu 1033 imbaghad, kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, huwa obbligat li jaghmel tajjeb għall-hsara li tigri minhabba f'hekk.*

*Peress li l-ligi taghna ma taghtix definizzjoni preciza, bhal legislazzjonijiet ohra, tal-grad ta' responsabbilta` li ghandu jigi ezercitat minn tabib fil-professjoni tieghu, il-Qrati taghna dejjem imxew fuq ir-regoli generali tal-Kodici Civili u adottawhom skond ic-cirkostanzi. B'dan il-mod il-Qrati taghna kkonkludew illi l-ligi tissoggetta l-ezercizzju tal-professjoni ghall-grad tar-responsabbilta' li wiehed jistenna minn min jipprepara ruhu u jippresenta ruhu biex jagixxi f'dik il-professjoni partikolari. Kif tajjeb josserva l-perit legali il-bazi ta' responsabilit medika ghall-ewwel kienet tigi ezaminata fil-kuntest ta' kwazi-delitt. (Josephine Borg et v. Dr. Anthony Fiorini deciza minn din il-Qorti fit-18 ta' Lulju, 1994). F'din is-sentenza l-Qorti ghamlet referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' April, 1951, fl-ismijiet Victor Savona noe v. Dr. Peter Asphar fejn il-Qorti ghamlet referenza ghall-artikoli 1074 u 1075 (kif kienu dak iz-zmien, illum l-artikoli 1031 u 1032) fejn inghad:*

> *"mid-duttrini u gurisprudenza fuq iccitati ghandu jigi ritenut illi t-tabib mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali ammeno che dan l-izball ma jkunx grossolan, u ammeno che l-hsara ma tistax tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' prudenza, diligenza u attenzjoni ta' bonus pater familias".*

*Izda permezz tas-sentenzi tat-30 ta' Mejju 2008, fl-ismijiet Frankie Zerafa v. Olga Avramov et u tal-25 ta' Gunju, 2008 fl-ismijiet Rose Gauci et v. Mr. Donald Felice et, il-Qorti tal-Appell stqarret il-fehma li jkun aktar logiku li r-relazzjoni bejn pazjent u tabib tigi ezaminata fil-kuntest ta' kuntratt, li jista' jkun kemm implicitu, kif ukoll tacitu, basta tkun tezisti l-volonta' tal-partijiet li jassumu l-obbligazzjonijiet fil-konfront ta' xulxin. F'din l-ahhar sentenza jinghad ukoll:*

> *"Meta pazjent jersaq lejn tabib anke jekk dan it-tabib ikun imhallas mill-Gvern biex ikun ghas-servizz tal-poplu, dak il-pazjent ikun qed ipoggi l-bzonnijiet tieghu f'idejn dak it-tabib u meta t-tabib jaccetta li jaghti s-servizz tieghu, ikun qed jintrabat fil-konfront ta' dak il-pazjent – li jaqdi d-doveri tieghu skond l-ahjar hila tieghu. Jista' jinghad li tabib impjegat mal-Gvern ma jistax jirrifjuta li jaqdi pazjent, però jekk hu hekk, l-ghazla jkun ghamilha meta mpjega ruhu mal-Gvern, u inoltre', tabib, allavolja impjegat, jibqa' professjonist u jekk ikun rinfaccjat b'kaz li mhux tal-hila tieghu, ghandu obbligu jghaddi l-kaz lil tabib aktar kompetenti minnu f'dik il-materja, u dan l-istess bhal kull tabib privat. Meta tabib, avolja impjegat, jaccetta li jikkura pazjent, jidhol f'relazzjoni diretta mieghu,*

*relazzjoni kuntrattwali li tista' twassal ghall-hlas tad-danni f'kaz ta' inadempjenza".*

*L-obbligazzjonijiet kuntrattwali, fis-sistema civili Malti, jistghu jkunu di dare, di fare jew di non fare, u f'kaz ta' tabib ir-responsabbilta` tieghu titqies bhala wahda di fare, fejn it-tabib qed jigi mqabbad biex jaghti s-servizz tieghu bi skop li jottjeni ghan definit. Dan ma jfissirx, però, li mit-tabib hu mistenni rizultat, u jekk ma jottjenix rizultat, allura jkun responsabbli ghad-danni. Id-duttrina taljana tiddistingwi fil-kuntest t'obbligazzjoni di fare, bejn obbligazzjoni di risultato u obbligazzjoni di mezzi. Il-Qorti ta' l-Appell ta' Milan f'sentenza moghtija fis-27 ta' Marzu, 1981, qalet li: "nel contratto d'opera intelletuale, le obbligazioni del professionista sono di mezzi e non di risultato, in quanto il professionista, assumendo l'incarico, si impegna a prestare la propria opera intelletuale solo al fine di raggiungere il risultato sperato, ma non a conseguirlo." Hekk ukoll il-Corte di Cassazzione fl-Italja, f'sentenza li tat fil-21 ta' Lulju, 1989, osservat li: "Il contratto che ha per oggetto una prestazione d'opera intelletuale – inquadrabile nella categoria del lavoro autonomo – comporta normalmente per il professionista un' obbligazione di mezzi, nell'adempimento della quale egli e tenuto ad usare la diligenza che la natura dell' attività esercitata esige". Dan ifisser illi, sakemm f'kaz partikolari t-tabib ma jassumix espressament obbligu li jottjeni rizultat, id-dover tat-tabib huwa li juza l-ahjar talenti tieghu fl-interess tal-pazjent. It-Tribunal ta' Napli, b'sentenza li tat fil-11 ta' Frar, 1985, qal li: "La diligenza che il medico deve impiegare nello svolgimento delle sue prestazioni e` quella del regolato e accorto professionista, esercente la sua attività con scrupolosa attenzione ed adeguata preparazione professionale."*

*L-istess posizzjoni tinsab enuncjata fl-Ingilterra. Tabib privat, ghalkemm marbut b'kuntratt, rari jitqies li jkun ta garanzija ta' rizultat. L-awtrici Margaret Brazier fil-ktieb "Medicine, Patients and the Law" (Penguin Books, 1987 Edit, p. 83) tosserva illi, "only rarely will a private doctor be found to have guaranteed a result. Where a patient is ill and seeks a cure, unless the doctor foolishly and expressly promises success in his treatment, no Court will infer any term other than that the doctor will exercise skill and care."*

*Dwar il-grad ta' diligenza li professjonist bhat-tabib ghandu juza, il-gurisprudenza estera hija konkordi li mhux mistenni mit-tabib grad gholi ta' diligenza, izda dik normali li wiehed jistenna minn professjonist ta' l-affari tieghu. …*

*Dak li hu mistenni minn tabib hu li jzomm ruhu aggornat bl-avvanzi fil-medicina, u fil-kaz konkret li jkollu quddiemu, jezercita d-diligenza li professjonist ordinarju bhat-tabib in kwistjoni kien jezercita. It-test hu neccessarjament oggettiv, fis-sens li wiehed ghandu jara kif kien jezercita l-mezzi tieghu professjonist normali, bid-degree of skill li suppost ghandu t-tabib partikolari, fil-kaz konkret. Wiehed ghalhekk, m'ghandux jattribwixxi lill-professjonist normal level of skill li mhux*

*mistenni li jkollu t-tabib partikolari; però, darba determinat dan il-livell, it- tabib ikun mistenni li jaqdi dmiru skond l-"accepted standard practice". Il-fatt li t-tabib inzerta, f'dik l-okkazzjoni, li kellu hafna xoghol, u kien ghajjien, bl-ebda mod ma tnaqqas mid-drittijiet ta' pazjent. "Judges sympathize with hard-pressed doctors but a doctor who carries on beyond the point when fatigue and overwork impair his judgement remains liable to an injured patient. The fact that the doctor was required by his employer to work such hours will not affect the patient" – Brazier ibid p. 82.*

*Dwar l-oneru tal-prova, ir-regola hi li "incombe al cliente, il quale assuma di aver subito un danno, l'onere di provare la difettosa o inadequata prestazione professionale e il nesso casuale tra questa e il danno" Corte di Cassazione ta' l-Italja 21 ta' Dicembru, 1978. Hekk ukoll Brazier (ibid p 80) tinnota li "proving negligence by the doctors does not conclude the case in the patient's favour. He must also show that his injury, his worsened or improved condition, was caused by the doctor's negligence."*

*Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Mejju, 2010, fl-ismijiet Tessie Ellul et v. Dr. Astrid Camilleri, inghad ukoll:*

> *"A charge of professional negligence against a medical man was serious. It stood on a different footing to a charge of negligence against the driver of a motor car. The consequences were far more serious. It affected his professional status and reputation. The burden of proof was correspondingly greater. As the charge was so grave, so should the proof be clear".*

*Il-Qorti filwaqt li taghmel dawn il-principji taghha, meta tapplikahom ghall-kaz in ezami jirrizulta, li l-attur nomine fin-nota tieghu jikkontendi li t-tabib Spiteri kien negligenti peress li naqas milli jkun diligenti meta ghamel l-evalwazzjoni preliminari tieghu ta' persuna afflitta b'mard mentali, li wassal ghall-mewt ta' Sun Junping Van Den Hoek. L-attur jikkontendi li mill-analizi tal-istess tabib li l-pazjenta kienet tbati minn paranoid schizophrenia u mill-fatt stess li ftit sighat qabel il-pazjenta ippruvat tiehu hajjitha b'idejha, ma kellux joqghod fuq il-kelma taghha li m'ghadhiex tisma' vucijiet u li ma kellhiex il-hsieb li tiehu hajjitha b'idejha u kellu jadotta l-prekawzjonijiet kollha mehtiega, inkluz li jordna li l-pazjenta tintbat fis-swali fejn kien hemm kontroll aktar rigidu u supervizjoni kontinwa fejn il-pazjenta ma tithalliex fil-liberta u ssib ic-cans li tillarga minghajr supervizjoni u tispicca li ttemm hajjitha. L-attur jikkonkludi billi jistaqsi jekk kemm il-darba il-periti tal-Qorti jikkonkludu li pazjenti b'tendenzi li jaghmlu suwicidju ma jinzammewx fil-psychiatric unit tal-Isptar San Luqa, kif seta' t-tabib Spiteri jikkonkludi minn evalwazzjoni preliminari li tinzamm f'general ward 6?*

*Illi ghandu jinghad mal-ewwel li wiehed ghandu jiehu l-kuntest shih ta' dak rapportat fil-perizja medika, meta l-perit mediku jghid:*

> *"2. Patient was transferred to Mount Carmel Hospital because there were no beds available. One has to note that suicidal patients are not kept in the psychiatric unit".*

*Din il-konkluzjoni nghatat minnu wara li aktar kmieni fir-rapport ippremetta s-segwenti:*

> *"When her physical condition improved she was transferred to the psychiatric unit for further psychiatric treatment. However, since there was no place available she was transferred to Mount Carmel Hospital. At this point one may assume that at this stage she was not considered to be suicidal as otherwise she would not have been considered to be kept in the psychiatric unit which is an open ward. One has to note also that the staff on medical ward 2 did not report any abnormalities in her behaviour".*

*Dan ifisser li l-evalwazzjoni tat-tabib Spiteri kienet sorretta bl-evalwazzjoni maghmula fl-Isptar San Luqa li kienu lesti li jdahhluha fil-psychiatric unit taghhom u ghalhekk ma kkunsidrawx li l-pazjenta f'dak il-mument kienet qeghda tikkontempla suwicidju). Dan ma sarx semplicement minhabba nuqqas ta' spazju. Hija ma ntbaghtitix fl-Isptar Monte Carmeli ghaliex il-pazjenta f'dak il-mument kienet stmata f'periklu li twettaq attentat ta' suwicidju, ghalhekk l-argument tal-attur nomine ma jregix.*

*Inoltre f'dak l-istadju t-tabib Spiteri hass li jkun xieraq li ghall-ewwel il-pazjenta kellha titpogga taht supervizjoni u li tinghata d-dosa tal-Fluanxol aktar tard, wara li jkollu r-rizultat tal-analizi tad-demm f'idejh, b'dan illi kien meqjus ghaqli wkoll li tinghata cans li tirkupra mill-effett tal-pilloli li ttiehdu fl-overdose. Dan kollu kien riskontrat bhala prattika normali mill-espert tal-Qorti u ma tressqet ebda prova da parti tal-attur li jxejjen din l-opinjoni. Ghalhekk din il-Qorti bhall-esperti mqabbda minnha tqis li Dr. Joseph Spiteri agixxa fil-parametri medici accettabbli u ma nghatatx prova sodisfacenti da parti tal-attur li jwasslu lil din il-Qorti ghal konvinciment morali li l-konvenut tabib Spiteri naqas fil-kors tal-evalwazzjoni moghtija minnu tal-pazjenta.*

*Wara kollox kif stqarret l-istess Connie Magro, infermiera li kellha esperjenza vasta fil-qasam, li assistiet it-tabib fid-dhul tal-pazjenta fl-Isptar Monte Carmeli anke dawk il-pazjenti li jkunu taht sorveljanza kontinwa jithallew jidhlu fil-kamra tal-banju wahedhom. Sfortunatament dan iwassal ghall-konkluzjoni li hin jew iehor il-pazjenta kienet xorta tipprova ssib l-okkazjoni li tkun wahedha sabiex twettaq dak il-hsieb li kellha li tnehhi hajjitha b'idejha. Dan m'ghandux ifisser li t-tabib kuranti naqas mid-diligenza mehtiega minnu fil-mument t'evalwazzjoni, peress li kunsidrati c-cirkostanzi kollha, l-espert mediku ma rriskontra ebda negligenza medika fl-agir tat-tabib kuranti – prova li ma gietx kontrastata bl-ebda mod da parti tal-attur nomine permezz ta' provi konkreti li juru mod iehor.*

*Dwar ir-responsabbiltà tal-amministrazzjoni tal-Isptar Monte Carmeli, l-attur nomine jikkontendi li, indipendentement mit-tabib, l-isptar ghandu jgorr ir-responsabbiltà ghan-nuqqasijiet varji, fosthom in-negligenza tal-infermiera bhala impjegati tal-isptar u dan taht kuntratt awtonomu minn dak bejn il-pazjent u t-tabib. Meta l-pazjenta giet rikoverata, inholqot relazzjoni ohra bejn il-pazjenta u l-isptar fil-forma ta' hospitalization contract.*

*Indubbjament huwa minnu li l-konvenuti l-ohra, in kwantu huma responsabbli mill-gestjoni tal-isptar fejn sehh l-akkadut kellhom rapport kontrattwali mal-pazjenta Junping Van Den Hoek u r-ragel taghha, u ghaldaqstant kienu obbligati li jipprovdu ghall-kura u ghas-sigurtà tal-pazjenta taghhom sal-grad rikjest bil-Ligi abbazi tal-kuntratt in forza bejnhom u l-pazjenta hemm rikoverata. Ghal dan il-ghan, il-konvenuti l-ohra ghandhom iwiegbu f'kaz li jirrizulta ppruvat, ghan-nuqqasijiet tal-impjegati taghhom li joffru servizzi ta' kura fl-isptar kommessi fil-kors tal-adempiment ta' xogholhom, u dan ghaliex jifformaw parti mill-prestazzjonijiet li jinghataw fil-kuntratt ta' servizz.*

*L-artikolu 1037 tal-Kap. 16 jiddisponi illi:-*

> *"Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux raguni jahseb li hija ta' hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi".*

*Kif ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti divesament preseduta, tal-31 ta' Ottubru, 2013, fl-ismijiet Maggur Alfred Briffa et v. The Golden Shepherd Group Limited et:*

> *"Riferibbilment ghar-responsabbiltà ta' Sptar, il-gurisprudenza taghna ma tistabilixxix linja gwida ghajr ghall-applikazzjoni tal-principi generali stabbiliti mil-Ligi, senjatament l-artikolu 1032 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta fuq citat. Dan gie trattat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet "Emmanuel Sammut u martu Maryanne Sammut -v- CGMO et. - PA(RCP) dec. fit-12/12/2002. Il-Qorti applikat il-principju ta' responsabbilta' ghall-culpa in eligendo/vigilando, liema kuncett gie "gie estiz fil-gurisprudenza nostrali mhux biss ghall-mument meta l-istess persuna tigi ngaggata, izda ifisser ukoll li l-persuna li tinkariga persuna ohra li taghmel xi xoghol, tibqa' hija responsabbli wkoll jekk dik il-persuna li effettivament hadmet taht inkarigu taghha tkun ghamlet ix-xoghol b'negligenza u nuqqas ta' hila skont id-dispozizzjonijiet fuq citati u l-artikolu 1037 tal-Kap 16".*

*Illi fi kliem iehor japplika dak li gie ritenut fis-sentenza "Tabib Joseph R. Grech vs Kummissarju tal-Pulizija" (A.C. (HH) l-1 ta' Marzu 1988) fejn inghad li "kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila jew illi ma jkollux hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba nuqqas ta' hila taghmel dannu lill-haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz fuq imsemmi", b'dan li l-konvenuti ghandhom jirrispondu ghall-inkompetenza u negligenza tal-addetti u impjegati taghhom, u ghalhekk huma responsabbli wkoll ghad-danni*

*kawzati lill-attrici. Tal-istess portata hija s-sentenza "Naudi vs Schembri" (A.K. 13 ta' Mejju 1991) u "John Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et" (Q.K. 21 ta` Jannar 1993); "Eddie Fenech Adami et nomine vs Carmelo Bonello" (A.C. 28 ta' Gunju 2002) u "Jacqueline Cremona vs Water Services Corporation" (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002. Citaz. Nru. 1480/95).*

*Fil-kawza precitata, "Sammut -v- CGMO" il-Qorti kkonkludiet li "ma hemmx dubju li l-konvenuti fil-kwalità taghhom premessa huma responsabbli ghall-operat tal-funzjonarji taghhom u wkoll ghad-decizjonijiet li inhadu mill-istess staff taghhom u anke ghad-decizjonijiet il-hziena u negligenti li nhadu mill-istess awtoritajiet inkluzi l-konvenuti fil-kwalita' ufficjali taghhom jew il-persuni li kienu jokkupaw l-istess kariga fiz-zmien in kwistjoni u l-persuni responsabbli mit-tmexxija tal-istess Sptar." U rritetniet li "l-funzjoni tal-Chief Government Medical Officer ma tieqafx biss fl-ghazla u l-hatra tat-tobba u l-istaff mediku imma testendi wkoll ghas-sorveljanza u l-amministrazzjoni gornaljera tal-addetti tieghu, u fejn dawn jonqsu hu ghandu d-dover li jaghmel tajjeb ghad-danni kagjonati minnhom. "*

*Trattati l-principji legali in materja li din il-Qorti taghmel taghha wkoll ghall-kaz in ezami, jirrizulta li l-attur nomine permezz tan-nota tieghu jishaq li l-amministrazzjoni tal-isptar kellha tadotta l-prekawzjonijiet kollha mehtiega u taghmel dak kollu possibli sabiex il-pazjenti jkunu mharsa sew, specjalment f'kaz ta' persuni vulnerabbli afflitti bil-mard mentali. Filwaqt li jiccita xi gurisprudenza estera fejn sptarijiet gew mizmuma responabbli wara li pazjenti wettqu suwicidju, jikkontendi li fil-kaz in ezami, l-infermiera Connie Magro, bhala impjegata tal-isptar ma ezercitatx id-diligenza mehtiega minn bonus pater familias peress li ma haditx il-prekawzjonijiet mehtiega. Dan jinghad minnu peress li ghalkemm fix-xhieda taghha l-infermiera xehdet li kienet il-prassi u n-norma li ssir tfittxija fuq pazjenti godda li jigu rikoverati fl-isptar, ghal affarijiet li jistghu jweggghu lilhom infushom jew lil haddiehor, effettivament din it-tfittxija ma saritx, peress li c-cintorin illi kien visibbli ghal kulhadd baqa' ma tnehhiex, meta dan kien mezz maghruf li jintuza f'kazijiet ta' suwicidji. Ghalhekk l-attur nomine jikkontendi li l-infermiera ttrattat il-kaz b'mod legger, kemm meta l-pazjenta giet rikoverata fl-isptar, kif ukoll meta l-pazjenta talbet li tmur f'kamra tal-banju minghajr ma segwiet id-dover taghha ta' sorveljanza tal-pazjenta, filwaqt li jixli lill-amministrazzjoni tal-isptar b'nuqqas ta' ambjent u struttura sikura li ffacilitaw l-att ta' suwicidju fil-kamra biswit dik tal-kamra tal-banju fejn sehh l-akkadut. Jishaq li l-perit legali ssorvola l-punt importanti li ssir tfittxija fuq il-pazjenti mad-dhul taghhom fl-isptar sabiex jitnehhew l-oggetti li jistghu jkunu ta' perikolu ghalihom jew ghal haddiehor, kif ukoll issorvola l-punt li l-isptarijiet ghandhom joffru ambjent sikur u li l-amministrazzjoni m'ghamlet xejn sabiex tigi assigurata s-sigurt tal-pazjenti.*

*Ghandu jinghad illi mill-provi jirrizulta li kuntrarjament ghat-tezi tal-attur nomine, effettivament saret it-tfittxija fuq il-pazjenta, tant li mir-record of*

*Patient's Valuables on Admission, esebit a fol. 97 tal-process, jirrizulta elenku t'affarijiet li mtela mill-istess infermiera Connie Magro, fejn gie nnotat ukoll li xi oggetti tal-pazjenta bhal curkett u par imsielet nghataw lir-ragel, filwaqt li affarijiet ohra hemm elenkati bhal cigarette lighter, penknife, nailfile u fountain pen/biro/pencil gew specifikament maqtugha barra, liema record gie kontro-firmat minn xhieda ohra. Fil-fehma tal-Qorti, dan id-dokument li kien ipprovdut mill-istess amministrazzjoni tal-isptar, huwa meqjus li kien iservi bhala checklist u gwida ghall-infermiera li kienu jwettqu t-tfittxija fuq il-pazjenti mad-dhul taghhom fl-isptar. Dan id-dokument jikkorobora fis-shih dak li ntqal mill-infermiera Connie Magro. Ghalhekk ma jista' jigi riskontrat ebda nuqqas ta' hila da parti tal-infermiera, fil-qadi ta' dmirijietha, ladarba hija segwiet il-procedura interna tal-isptar fil-mili tal-istess dokument waqt it-tfittxija fuq il-pazjenta.*

*Jigi rilevat ukoll li r-rapport tal-perit legali wkoll jikkwota estensivament mix-xhieda tal-istess infermiera u kkonkluda li mill-evalwazzjoni li ghamel it-tabib Spiteri kien ritenut li l-pazjenta setghet toqghod fil-general ward 6 bi freedom of movement fl-istess ward u minghajr constant watch u ghaldaqstant minghajr in-necessità li jitnehhewlha l-hwejjeg. Dan kien konfermat minn Dr. Joseph Saliba li qal illi d-decizjoni jekk jitnehhewx il-hwejjeg jiddependi mill-assessment li jkun sar fuq il-pazjent. F'dan ir-rigward ghalhekk il-perit legali spjega li ma setax jasal ghall-konkluzjoni li kien hemm xi nuqqas da parti tal-amministrazzjoni tal-isptar, ladarba l-pazjenta ma kenitx ammessa go ward 10, ghalkemm fl-opinjoni tieghu kien ikun aktar ghaqli li xorta wahda jitnehhew tali oggetti bhala prekawzjoni. Dan ifisser li l-perit legali dahal proprju fuq il-punt ilmentat mill-attur nomine, izda gialadarba, l-mizuri preventivi li ttiehdu skont il-prassi ezistenti fl-isptar fiz-zmien li sehh l-akkadut, kienu dawk konformi mal-evalwazzjoni li saret mit-tabib, ma setax jirrizulta xi negligenza da parti tal-amministrazzjoni, anke jekk bl-gharfien ta' wara l-akkadut, wiehed jista' jghid li mhux ghaqli li jithalla c-cintorin ghand il-pazjenta. Ladarba l-prassi giet debitament segwita mill-impjegati tal-isptar, lanqas din il-Qorti ma tista' tghid li dawn ma kenux kompetenti jew li naqsu mill-hila taghhom waqt li kienu qeghdin jezercitaw il-qadi ta' dmirijiethom.*

*Kif inghad qabel ir-rapport tal-periti tal-qorti huwa meqjus bhala prova. L-attur nomine, la ressaq xi rapport ta' perit mediku ex parte sabiex isahhah l-argument tieghu u lanqas ittanta jikkontradixxi l-konkluzjonijiet tal-perit mediku li ma sab ebda nuqqas da parti tal-amministrazzjoni. Kif rilevat mill-konvenuti fin-noti taghhom, l-attur nomine lanqas ma pprova jittanta jcaqlaq lill-periti mill-fehmiet taghhom, permezz ta' ezami tal-istess periti in eskussjoni jew permezz ta' talba ghal periti addizzjonali, kif provdut fil-ligi. Fin-nuqqas ta' prova xierqa da parti tal-attur nomine, din il-Qorti ma ssibx raguni valda biex twarrab il-konkluzjonijiet milhuqa mill-periti mahtura minnha, li ma jistghux jitqiesu bhala rragonevoli. Tant hu hekk li l-istess ragel tal-pazjenta lanqas ma ghaddielu minn rasu li c- cintorin tad-drapp tal-kowt seta' jintuza mill-mara sabiex twettaq suwicidju, qabel ma telaq mill-*

*isptar. Ladarba fl-evalwazzjoni tat-tabib, il-pazjenta ma kienitx meqjusa ta' perikolu ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor sal-grad mehtieg li tigi rikoverata f'ward 10, li kif rajna kienet evalwazzjoni ragonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz, sorretta kemm bil-kostatazzjonijiet maghmula fl-Isptar San Luqa, kif ukoll mir-rapport tal-perit mediku, din il-Qorti ma tirriskontrax negligenza fil-fatt li thalliet liebsa c-cintorin tad-drapp.*

*Fir-rigward tal-ambjent tal-isptar li jilmenta minnu l-attur nomine fin-nota tieghu, jigi rilevat li kuntrarjament ghal dak insinwat minnu, meta jsemmi r-rapport tal-perit Richard Aquilina li kien mahtur bhala espert mill-Magistrat Inkwirenti, l-Inkjesta Magisterjali ma taghti ebda hjiel ta' xi nuqqas da parti tal-infermiera jew tal-ambjent tal-isptar. Rigward il-kazistika estera citata mill-attur nomine, ghandu jinghad li kull kaz ghandu jigi ezaminat fic-cirkostanzi partikolari tieghu.*

*Il-Qorti tqis li min jipprovdi servizzi tal-isptar qieghed jassumi obbligazzjonijiet kontrattwali mal-pazjenti li joffrilhom mhux biss kura adegwata fl-isptar, permezz tal-istaff, tobba u servizzi medici, imma jkun qed joffri post fejn is-sahha u s-sigurtà tal-istess pazjenti hija wkoll mharsa. B'dan ma jfissirx li sptar ghandu jkun responsabbli sal-grad massimu ta' strict liability. Madankollu Sptar huwa tenut li joffri facilitajiet li huma ragjonevolment mahsuba biex jipprotegu lill-pazjent minn dannu u periklu.*

*Hekk ukoll f'dan il-kaz jirrizulta li l-infermiera mxiet mal-prassi tal-isptar meta saret it-tfittxija u mliet id-dokument mehtieg li kien debitament kontro-firmat ukoll fir-rigward tal-oggetti li nstabu fuq il-pazjenta. Inoltre, kif inghad qabel anke dawk il-pazjenti rikoverati taht sorveljanza kontinwa kienu jithallew jidhlu fil-kamra tal-banju wahedhom, liema prova ma gietx kontradetta bl-ebda mod da parti tal-attur nomine u ghalhekk anke hawn din il-Qorti ma tirriskontra ebda nuqqas fl-agir tal-infermiera. Il-kura u l-attenzjoni li nghatat il-pazjenta fl-Isptar Monte Carmeli kienu dawk li rrizultaw mehtiega wara li saret id-debita evalwazzjoni mit-tabib tal-isptar, li ma kien bl-ebda mod iccensurat mill-perit mediku. F'dan l-assjem ta' cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti tqis li ma tistax titfa' l-htija ghall-akkadut fuq il-konvenuti u dan peress li provi konkreti ta' htija ma rrizultawlhiex.*

*Kif gustament ritenut mill-konvenuti fin-nota taghhom, ghalkemm it-telfa ta' pazjenta kienet wahda tragika, madankollu tali telfa ma kenitx rizultat ta' nuqqas ta' kompetenza jew negligenza da parti tal-konvenuti izda rizultat tal-istat mentali tal-pazjenta. Sfortunatament, ladarba l-pazjenta ghazlet triq li wasslitha li ttemm hajjitha, minkejja l-isforzi kollha tat-tobba u l-infermiera sabiex jippruvaw jghinuha, din il-Qorti ma ssibx l-agir tal-professjonisti ngaggati mal-isptar, censurabbli, ladarba dak li ghamlu kien konformi ma' dak ragonevolment mistenni minnhom, skond il-prassi ezistenti fil-mument tal-akkadut u li dak li wettqet il-pazjenta kien lil hinn mill-kontroll taghhom*";

3. L-attur *nomine* (minn issa 'l hemm imsejjaħ bħala "l-appellant") ma qabilx ma' din is-sentenza, u għar-raġunijiet li tfissru fir-rikors tal-appell imressaq minnu fl-14 ta' Novembru, 2016, talab lil din il-Qorti sabiex: "*tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi fil-25 ta' Ottubru, 2016 prevja li tiċħad l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut appellat Joseph Spiteri u tiċħad it-tielet eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti appellati l-oħra prevja l-akkoljiment tat-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti*";

4. Kemm it-Tabib Spiteri kif ukoll il-bqija tal-imħarrkin (minn issa 'l hemm imsejħin ukoll bħala l-appellati) laqgħu għal dan billi, b'żewġ tweġibiet separati mressqa fl-istess jum tat-2 ta' Diċembru 2016, fissru għalfejn il-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti huma tajbin, u b'hekk l-appell jistħoqqlu li jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellant;

5. Il-Qorti, wara li ħadet qies ta' dan kollu, semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet, kif ukoll rat l-atti kollha tal-kawża, hija issa f'qagħda li tgħaddi għas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

6. B'dawn il-proċeduri, l-appellant *nomine* qiegħed iżomm lill-imħarrkin responsabbli għall-mewt ta' Junping Van Den Hoek, li

traġikament neħħiet ħajjitha b'idejha fil-jum ta' lejliet il-Milied tas-sena 1989, ġewwa l-iSptar *Monte Carmeli*. B'żieda ma' dan, l-appellant *nomine* qiegħed ukoll ifittex lill-appellati għad-danni li qed jgħid li ġarrab konsegwenza ta' dan l-aċċident, u li fi kliemu, seħħ minħabba li l-imħarrkin naqsu milli jieħdu dawk il-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jevitaw aċċident ta' din ix-xorta. Fuq is-saħħa t'hekk, l-appellant talab lill-Qorti sabiex, wara li ssib lill-imħarrkin responsabbli għall-mewt ta' Junping Van Den Hoek, kif ukoll għad-danni mġarrba, tillikwida dawk id-danni u tikkundanna lill-imħarrkin sabiex iħallsuh l-istess danni;

7. Billi l-appellant ma qabilx mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li huwa ma seħħlux jipprova x-xiljiet li ressaq kontra l-appellati, l-appellant qiegħed issa jressaq dan l-appell fuq l-**aggravju ewlieni** li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament żbaljat tal-fatti, kif ukoll tal-prinċipji legali li japplikaw għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ;

8. Wara li jagħti l-qafas fattwali tal-ġrajjiet li wasslu għal din it-tilwima, kif ukoll tal-prinċipji ġurisprudenzjali dwar is-suġġett tar-responsabbiltà medika, l-appellant jibda billi jressaq għadd ta' argumenti sabiex ifisser għalfejn qiegħed iqis li l-Ewwel Qorti żbaljat hekk kif ma sabitx lit-Tabib Spiteri, responsabbli għall-mewt ta' Junping Van Den Hoek (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "l-vittma"). Filwaqt li jagħraf li huwa kien mgħobbi bil-piż tal-prova li t-Tabib Spiteri naqas milli jwettaq dmirijietu b'dik id-

diliġenza li hija mitluba minn tabib li jsib ruħu fl-istess ċirkustanzi, ifisser li, f'dan il-każ, ir-responsabbiltà tat-Tabib Spiteri tirriżulta min-nuqqasijiet li huwa wettaq fl-evalwazzjoni preliminari tal-vittma x'ħin inġabet quddiemu u li wasslitu għad-deċiżjoni dwar f'liema parti tal-iSptar *Monte Carmeli* kellha tinżamm l-istess vittma. Jgħid li hija ħaġa tassew tal-għaġeb kif it-Tabib Spiteri ħassu komdu li jistrieħ fuq dak li qaltlu l-vittma, u sewwasew li ma kinitx għadha aktar tisma' l-ilħna u li ma kellhiex ix-xewqa li ttemm ħajjitha, meta huwa kien mgħarraf kemm bil-fatt li l-vittma ppruvat tneħħi ħajjitha b'idejha aktar kmieni u wkoll fl-imgħoddi, kif ukoll li kienet tbati mill-marda psikjatrika hekk magħrufa bħala *'paranoid schizophrenia'*, li fi kliemu, twassal biex il-pazjent filli jkun normali u filli jitlef il-luċidità ta' moħħu. F'dan il-qafas, jargumenta li d-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja kienet titlob li l-appellat Tabib Spiteri kien mistenni jieħu dawk il-prekawzjonijiet meħtieġa, u dan billi jibgħat lill-vittma f'sala li jkollha livell ogħla ta' sigurtà u ta' superviżjoni. Iżid li t-Tabib Spiteri naqas milli jagħti raġuni siewja għalfejn ma ħax it-triq tal-prekawzjoni, u dan minn tal-inqas sal-ħin li fih il-vittma kellha tingħata d-doża tal-mediċina *'Fluanxol'*. Jissottometti li kienu sewwasew dawn in-nuqqasijiet li taw iċ-ċans lill-vittma biex tallarga mingħajr superviżjoni u ttemm ħajjitha, u fid-dawl ta' dan jargumenta li l-aċċident seta' jiġi evitat li kieku l-istess appellat iddeċieda mod ieħor;

9. Jissokta billi jirreferi għar-rapport tal-espert mediku, u sewwasew lejn dik il-parti li fiha ngħad li "*hija normali għall-pazjenti b'tendenzi li jagħmlu suwiċidju li ma jinżammux ġo 'psychiatric unit' tal-Isptar San Luqa*", u f'dan is-sens jikkritika kemm lill-espert tekniku kif ukoll lil dak legali billi jgħid li dawn naqsu milli jistaqsu d-domanda li tiġi wara dikjarazzjoni bħal dik, u sewwasew li: "*kellha pazjenta b'tendenzi ta' suwiċidju tinżamm fil-general ward (Ward 6)? U għalhekk kienet evalwazzjoni tajba min naħa tat-tabib Dr. Joseph Spiteri illi jordna illi tinżamm hemm?*". Fid-dawl ta' dawn il-mistoqsijiet ta' natura retorika, jinsisti li l-appellat Tabib Spiteri naqas milli jieħu dawk il-prekawzjonijiet mistennija minnu, u b'hekk għandu jinżamm responsabbli għad-danni 'minħabba n-negliġenza tiegħu';

10. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-bqija tal-imħarrkin, l-appellant jgħaddi biex ifisser li huwa mhuwiex qiegħed ifittex lit-tmexxija tal-iSptar *Monte Carmeli*, bħala l-prinċipal tat-Tabib Spiteri, iżda għar-responsabbiltà li għandha ġġorr taħt kuntratt awtonomu, magħruf bħala *'kuntratt ta' hospitalisation',* kif ukoll għan-nuqqasijiet tal-infermiera bħala impjegati f'dak l-isptar. Filwaqt li jirreferi għal bosta sentenzi tal-Qrati Ingliżi dwar din il-ħaġa, jissottometti li f'dak il-każ l-infermiera Connie Magro hija responsabbli għal għadd ta' nuqqasijiet. Wara li jfakkar li Connie Magro kienet preżenti waqt l-evalwazzjoni preliminari tal-pazjenta, u għalhekk semgħet bl-istorja psikjatrika tagħha, inkluż bil-fatt

li l-vittma kienet diġà ppruvat tneħħi ħajjitha, jargumenta li din l-infermiera kienet mistennija li twettaq dmirijietha bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja u li tieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa, partikolarment fit-tfittxija li saret fuq il-vittma, sabiex jiġi żgurat li ma kellhiex affarijiet fuqha li bihom setgħet tweġġa' lilha nnifisha jew lil ħaddieħor. Jargumenta li din it-tfittxija ma saritx żgur għaliex, li kieku saret, iċ-ċintorin – li huwa magħruf bħala wieħed mill-mezzi li bihom persuna tista' tinqeda biex tagħmel suwiċidju u li kien jidher mad-daqqa t'għajn minn kulħadd – kien jitneħħa minn mal-vittma u jitteħdilha. Iżid li l-infermiera Connie Magro mhux biss naqset fl-istadju preliminari, iżda anke waqt li l-vittma kienet qed tinżamm fis-sala ġenerali tal-iSptar *Monte Carmeli*. B'mod speċifiku, jgħid li meta l-vittma talbet li tmur fil-kamra tal-banju, Connie Magro 'ħaslet idejha', u filwaqt li qaltilha fejn kienet il-kamra tal-banju, din naqset milli tivverifika jekk il-vittma kinitx tassew marret fil-kamra tal-banju. Jgħid li, tant huwa hekk, li lanqas ma kienet Magro li sabet lill-vittma mgħallqa, iżda ħaddieħor;

11. Ikompli billi jgħid li t-tmexxija tal-isptar *Monte Carmeli* kellha tinżamm ukoll responsabbli għal nuqqas ieħor, u sewwasew għaliex ma ħaditx ħsieb li tiżgura li l-ambjent tal-isptar kien wieħed kemm jista' jkun sigur. Dwar dan, ifisser li l-post fejn il-vittma wettqet l-att traġiku ma kienx fil-kamra tal-banju, iżda f'kamra biswitha. Jargumenta li l-ambjent f'dik il-kamra ma kienx sigur u jgħid li kien propju għaliex dik il-kamra pprovdiet

il-kundizzjonijiet addattati biex jitwettaq l-att, li l-vittma rnexxielha tagħmel dak li għamlet, u mietet. Jisħaq li din il-kamra ma kellhiex tkun aċċessibbli għall-vittma, u jargumenta li l-isptar għalhekk naqas minn dmirijietu li jiżgura li jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa u jżomm lill-pazjenti 'l bogħod minn perikli kbar bħal dawk;

12. Fl-aħħar nett, l-appellant jitfa' ħarstu fuq dik il-parti tas-sentenza li fiha l-Ewwel Qorti qieset li huwa naqas milli jikkontradixxi r-rapport tal-espert mediku, billi la ressaq xi rapport ta' xi perit mediku '*ex parte*' u lanqas bit-talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali. Jargumenta li din il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti mhijiex ġuridikament tajba, u dan għaliex minbarra li jgħid li huwa kien informa lill-Qorti bil-pożizzjoni tiegħu, u sewwasew li ma kienx qed jaqbel mal-konklużjonijiet peritali, huwa kien ġie awtorizzat li jressaq nota ta' sottomissjonijiet li fiha ressaq l-argumenti kollha favur it-teżi tiegħu, magħduda l-kritika tiegħu għall-konklużjonijiet peritali. Jikkonkludi li għalhekk, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tasal biex tislet inferenzi negattivi mill-fatt li huwa ma ressaqx xi perizja '*ex parte*' jew inkella ma talabx il-ħatra ta' periti addizzjonali;

13. Il-Qorti wara li fliet l-atti kollha tal-kawża, u għarblet l-argumenti tal-appellant, kemm fid-dawl tat-tweġibiet tal-appellati, kif ukoll fil-qafas tal-konsiderazzjonijiet li ngħataw fis-sentenza appellata, tqis li, f'każ sensittiv bħal dan, il-Qorti tkun qed tonqos minn dmirijietha li kieku tagħmel

bħalma qed jgħidilha l-appellat Spiteri u tagħżel li ma twettaqx apprezzament awtonomu tal-fatti. Din il-Qorti ilha li warrbet il-pożizzjoni iebsa meħuda fis-sentenzi msemmija mit-Tabib Spiteri u l-ġurisprudenza ta' dawn l-aħħar snin ta' din il-Qorti, li llum hija fis-sens li din il-Qorti tgawdi minn awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa li tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom il-Qorti tal-ewwel grad[1]. Huwa wkoll mifhum li huwa fid-dmir ta' din il-Qorti li tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat u li jista' jibdel il-ġudizzju magħmul, u dan lil hinn mill-gravità tal-iżball[2];

14. Minn apprezzament awtonomu tal-fatti, din il-Qorti tqis li, f'dan il-każ, l-appellant tassew irnexxielu jipprova li hemm rabta bejn id-deċiżjonijiet meħuda mill-appellat Tabib Spiteri u l-mewt traġika tal-vittma. M'hemmx kontestazzjoni li huwa t-Tabib Spiteri li wettaq l-eżami preliminari fuq il-vittma meta nġabet quddiemu[3] u li kien l-istess Tabib Spiteri li, mir-riżultati ta' dak l-eżami, deherlu li l-vittma setgħet tinżamm fit-taqsima ta' '*General Ward 6*' fl-iSptar *Monte Carmeli*, taħt '*collective nursing supervision*', minflok taħt '*constant watch*', u bi '*freedom of movement*'[4]. Hekk ukoll, jirriżulta li d-deċiżjoni dwar jekk il-vittma

---

[1] Ara '***Carmel Curmi v Saviour sive Sammy Spiteri et.'*** deċiża minn din il-Qorti fid-**29 ta' Marzu, 2023** (App. Ċiv. 93/2016/1) §46, kif ukoll il-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija.

[2] *Ibid.* Ara wkoll ***'Dr. Antoinette Cutajar v. L-Onorevoli Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et.'*** deċiża minn din il-Qorti, fl-**14 ta' Diċembru, 2018**, (App. Ċiv. 891/2014/1) §7.

[3] Ara: (i) r-rapport tat-Tabib Spiteri, datat 29 ta' Diċembru, 1989, f'paġna 100 tal-proċess, u (ii) l-affidavit tal-istess tabib, f'paġna 106 tal-proċess.

[4] Ara: (i) il-ħames paragrafu tar-rapport tat-Tabib Spiteri, datat 29 ta' Diċembru, 1989, f'paġna 101 tal-proċess, (ii) ix-xhieda ta' Connie Magro f'paġni 182 u 183 tal-proċess, u (iii) il-kontroeżami tat-Tabib Spiteri, f'paġni 202 u 206 tal-proċess.

setgħetx tibqa' bil-ħwejjeġ ta' fuqha jew le, kienet tiddependi mid-deċiżjoni tal-imsemmi Tabib, u sewwasew mir-riżultat tal-eżami preliminari fuq il-pazjenta[5]. Lanqas m'għandu jkun hemm xi dubju li l-ġudizzju tat-Tabib Spiteri u sewwasew li l-vittma ma kinitx ta' perikolu għaliha nfisha, ma kienx daqstant preċiż għaliex, li kieku kien hekk, il-vittma wisq probabbli ma kinitx ser twettaq suwiċidju xi sagħtejn u nofs biss wara li eżaminaha[6];

15. Min-naħa l-oħra, l-anqas però m'għandu jkun hemm xi farka dubju li l-ġudizzju mogħti mit-Tabib Spiteri ngħata fil-qafas ta' eżami klinku, u minħabba f'hekk, l-osservazzjonijiet magħmula fil-paragrafu ta' qabel dan mhumiex biżżejjed biex waħedhom din il-Qorti tagħti raġun lill-appellant. Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza dwar dan il-qasam, li mhux kull żball fl-interpretazzjoni ta' fatti kliniċi jwassal lill-professjonist mediku għar-responsabbiltà u l-ħtija[7]. Il-professjonist mediku la huwa profeta, la huwa infallibbli u wisq anqas ma jista' jaqra x'hemm bl-eżatt fil-fond ta' moħħ il-bniedem. Tabilħaqq, huwa biss meta l-professjonist mediku jasal għall-ġudizzju żbaljat minħabba li ma jkunx stħarreġ il-każ kif imissu u

[5] Ara: (i) x-xhieda ta' Connie Magro f'paġna 178 tal-proċess, u (ii) l-kontroeżami tad-Direttur tal-Psikjatrija fl-Isptar *Monte Carmeli*, it-Tabib Joseph Saliba, f'paġni 212 u 213 tal-proċess.
[6] Fir-rapport dwar l-aċċident, datat 29 ta' Jannar, 1989, it-Tabib Spiteri fisser li l-vittma ddaħlet fl-iSptar *Monte Carmeli* għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar, filwaqt li huwa sar jaf bl-aċċident għall-ħabta tal-ħamsa neqsin kwart ta' wara nofsinhar. (f'paġni 100 u 101 tal-proċess). Ara wkoll in-'*nursing report'* ta' Connie Magro, f'paġna 98 tal-proċess.
[7] Ara ***'Carmen sive Charmaine Ebejer v. Dr. Ivan Vella et.'***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-**30 ta' April, 2013** (Ċit. 1957/1997/1MCH) (mhux appellata) u ***'Joseph Micallef v. Dr. Ivan Vella MD et.'*** deċiża wkoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-**30 ta' April, 2013** (Ċit. Nru. 1951/1997/1MCH) (mhux appellata).

jonqos milli jħaddem l-għaqal u d-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja[8], li l-professjonist mediku għandu jiġi mġiegħel li jerfa' r-responsabbiltà u jbati l-konsegwenzi ta' egħmilu[9]. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-grad ta' diliġenza li huwa mistenni minn professjonist mediku fit-twettiq ta' dmirijietu, huwa aċċettat li l-professjonist mediku mhuwiex mistenni li juri xi grad ogħla ta' diliġenza, u għalhekk huwa biżżejjed li juri dik normali li wieħed jistenna minn professjonist tal-affari tiegħu. Tassew, ingħad kemm-il darba li l-'għaqal' tal-professjonist mediku "*jitkejjel fuq l-attenzjoni li jrid juri professjonista meqjus u attent li jagħti s-servizz tiegħu b'attenzjoni skrupluża, tħejjija professjonali xierqa u l-għarfien tal-aħjar teknika aġġornata fir-rigward*"[10]. Huwa wkoll mifhum li dan il-kejl tal-aħħar huwa wieħed oġġettiv, u dan "*fis-sens li wieħed għandu jara kif kien jeżerċita l-mezzi tiegħu professjonist normali, bid-'degree of skill' li suppost għandu t-tabib partikolari*"[11]. Huwa għalhekk prinċipju stabbilit li sabiex professjonist mediku jitqies ħati ta' negliġenza medika, jeħtieġ li jintwera kemm li: (i) it-tabib ikun ħati ta' nuqqas li ebda tabib jew speċjalista ieħor ikun jaħti għalih li kieku mexa b'għaqal ordinarju, u kif ukoll (ii) li dak li jkun għamel it-tabib konċernat ma kien jagħmlu l-ebda

---

[8] Ara l-Artikolu 1131 tal-Kap. 16.

[9] Id. Ara wkoll '***Vincent Gauci et. v. Tabib Ewlieni tal-Gvern et.'*** ikkonfermata minn din il-Qorti fit-**28 ta' Ġunju, 2019** (App. Ċiv. 774/2002). F'din is-sentenza tal-aħħar, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, għamlet referenza għall-awtur **Giorgi** li f'paġna 155 tal-ħames volum '***Delle Obbligazioni'*** ifisser li: "*Non può annoverarsi fra le colpe l'errore professionale, quello cioè che dipende dall'incertezza e dall'imperfezione dell'arte, non da negligenza o incapacità di chi la esercita. … È scusabile soltanto quella fallibiltà che è conseguenza inevitabile della imperfezione delle scienze o delle arti.*".

[10] Silta meħuda mis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***'Phyllis sive Pina Abela et. v. Dr. Mario Tabone et.'*** deċiża fil-**25 ta' Ġunju, 2019** (App. Ċiv. 880/1998), §19.

[11] Ara '***Rose Gauci et. v. Mr. Donald Felice et.'*** deċiża minn din il-Qorti fil-**31 ta' Ottubru, 2008** (App. Ċiv. 1311/1999/2).

tabib jew speċjalista ieħor fil-kors normali tat-twettiq tal-professjoni tiegħu[12];

16. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji għal dak kollu li hemm fl-atti, il-Qorti tqis li, f'dan il-każ, l-appellant tassew ma seħħlux li jipprova li l-ġudizzju kliniku tat-Tabib Spiteri kien il-frott tan-negliġenza, jew inkella xi konsegwenza tan-nuqqas ta' ħila jew attenzjoni min-naħa tiegħu. Dr. George Debono, li huwa konsulent psikjatriku u li tqabbad mill-Ewwel Qorti bħala espert mediku, mhux biss sab li l-appellat Tabib Spiteri wettaq l-eżami preliminari fuq il-vittma kif imiss[13], iżda wkoll ikkonkluda billi qal li minn stħarriġ tal-atti proċesswali, huwa ma setax isib "*any lack of management or medical negligence in this unfortunate case*"[14]. Il-Qorti mhijiex esperta fil-qasam tax-xjenza tal-psikjatrija, u filwaqt li huwa minnu li l-Qorti mhijiex marbuta li toqgħod fuq il-fehma ta' espert tekniku kontra l-konviċiment tagħha nfisha[15], mandanakollu huwa daqstant ieħor magħruf li "*l-Qorti li tiġi mitluba tiġġudika fuq għemil ta' professjonist m'għandhiex tissostitwixxi l-ġudizzju tagħha fuq dak indikat mill-prattika tal-mediċina*"[16]. Għalkemm mhux determinanti, f'każijiet bħal dawn, il-fehmiet tal-esperti mediċi jiksbu importanza kbira għaliex ikunu msejsa fuq il-prattika tal-professjoni: ħaġa li f'dan il-każ, il-Qorti m'għandhiex

[12] Ara ***'Phyllis sive Pina Abela et. v. Dr. Mario Tabone et.'*** *supra* §21.
[13] Ara r-rapport tal-espert mediku Dr. George Debono (Dok GD), f'paġna 365 tal-proċess.
[14] *Ibid.* f'paġna 367 tal-proċess.
[15] Artikolu 681 tal-Kap. 12.
[16] Ara *'**Rose Gauci et. v. Mr. Donald Felice et.**'* deċiża minn din il-Qorti fil-**31 ta' Ottubru, 2008**, (App. Ċiv. 1311/1999/2).

għarfien dwarha[17]. Bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti qajla tista' tmeri l-fehmiet tal-Psikjatra George Debono, u dan aktar w aktar meta f'dan il-każ l-espert mediku la ġie kkonfrontat b'xi eskussjoni, u wisq anqas ġie merut imqar b'xi fehma professjonali oħra. Sa fejn għandha x'taqsam ir-responsabbiltà tat-Tabib Spiteri, l-appellant ma pprovda għalhekk l-ebda għodda lill-Qorti biex tkun tista' tasal għall-konklużjoni informata li hija differenti minn dik tal-espert mediku. L-appellant qiegħed għalhekk jippretendi wisq meta qed jgħid li l-Ewwel Qorti kellha toqogħod fuq is-sottomissjonijiet tiegħu. Fuq kollox, mis-sentenza appellata jidher li l-Ewwel Qorti qieset dawk is-sottomissjonijiet, u fissret ukoll għalfejn il-kritika tiegħu fil-konfront tal-fehmiet tal-espert tekniku ma kinitx fejjieda[18];

17. Ta' min iżid li f'dan il-każ, mhux biss m'hemmx fehmiet tekniċi li huma kontradittorji għal dawk tal-espert mediku, iżda saħanistra hemm fehmiet ta' professjonisti oħrajn li jkomplu jsaħħu l-konklużjonijiet tal-espert mediku sa fejn għandha x'taqsam in-nuqqas ta' responsabbiltà tal-appellat Tabib Spiteri. Biex jingħata eżempju, f'rapport datat 8 ta' Jannar, 1990, il-Professur Abraham Galea li fi żmien tal-aċċident kien jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-Psikjatrija fl-iSptar *Monte Carmeli*, kiteb lit-Tabib Ewlieni tal-Gvern li: "*3. The explanation of Dr. Spiteri is satisfactory to me...It is thus not "improper management on part of the responsible*

[17] Ara '***Carmen sive Charmaine Ebejer v. Dr. Ivan Vella et.***'*,* deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-**30 ta' April, 2013** (Ċit. 1957/1997/1MCH) (mhux appellata).
[18] Ara paġna 18 tas-sentenza appellata.

*officer*"[19], u li: "*4. I do not consider then <sic> as prima facie evidence of negligence on the part of the attending medical officer or the nursing staff*'[20]. Hekk ukoll, meta wieħed jikkonsidra l-fatt li l-pazjenti li huma meqjusa ta' perikolu għal ħajjithom ma kinux jinżammu fil-'*psychiatric ward*' tal-iSptar *San Luqa*[21], u l-vittma ntbagħtet fl-iSptar *Monte Carmeli* għaliex ma kienx hemm wisa' biżżejjed fil-'*psychiatric ward*' tal-Isptar *San Luqa*[22], jissokta jidher kif anke fil-fehma tal-professjonisti tal-iSptar *San Luqa*, il-vittma ma kinitx meqjusa li hija f'periklu li tneħħi ħajjitha b'idejha;

18. Fl-aħħar u mhux l-inqas, il-Qorti tqis li l-'*prime note*' li l-appellat Tabib Spiteri ħa waqt l-eżami preliminari tal-vittma[23] jikkorroboraw bis-sħiħ kemm ix-xhieda tiegħu[24] kif ukoll dik tal-infermiera Connie Magro[25], u sewwasew li waqt l-intervista, il-vittma kienet tidher f'sikkitha, u mhux biss stqarret li ma kinitx qed tħossha depressa jew persegwitata, iżda wkoll uriet li kienet qed tħares 'il quddiem biex tara lill-unika wild tagħha jikber, u li b'hekk ma kellhiex ix-xewqa li ttemm ħajjitha. Huwa ta' rilevanza mhux żgħira l-fatt li, f'dan il-każ, il-vittma kienet akkumpanjata fl-isptar minn żewġha l-attur u dan baqa' biswitha sa ftit tal-ħin qabel ma

[19] F'paġna 103 tal-proċess.
[20] *Ibid.*
[21] Ara t-tieni paragrafu tal-konklużjoni tal-espert mediku, f'paġna 366 tal-proċess.
[22] Ara f'dan is-sens ir-rapport tat-Tabib Spiteri, datat 29 ta' Diċembru, 1989, f'paġna 100 tal-proċess; u l-affidavit tat-Tabib Spiteri, f'paġna 106 tal-proċess
[23] Ara 'Dok JS1', f'paġni 90 u 91 tal-proċess.
[24] Ara: (i) d-dikjarazzjoni maħlufa tat-Tabib Spiteri, f'paġna 219 tal-proċess; (ii) l-affidavit tat-Tabib Spiteri f'paġna 107 tal-proċess; u (iii) il-kontroeżami tat-Tabib Spiteri, f'paġni 201 u 202 tal-proċess.
[25] Ara x-xhieda ta' Connie Magro f'paġni 181 u 182 tal-proċess.

wettqet l-att traġiku[26], ftit waqtiet wara li kien ħalla s-sala fejn kienet rikoverata. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt innifsu li dan tal-aħħar telaq minn ħdejn il-vittma mingħajr ma allarma lit-tabib jew inkella lill-infermiera dwar xi tibdil fl-imġiba ta' martu jew li kienet tidher li reġgħet qalbet għall-agħar, ikompli juri kif ukoll fl-għajnejn ta' min kien midħla sewwa tagħha, il-vittma ma kinitx qed tagħti sinjali li kienet aġitata, jew li qed tħossha persegwitata bid-delużjonijiet psikiċi, jew inkella li kienet ta' perikolu għaliha nfisha jew għal ħaddieħor jew li kienet nisslet xi suspett f'żewġha li kienet se tagħmel dak li ġara ftit wara;

19. F'ċirkostanzi bħal dawn, u speċjalment fid-dawl tal-fehmiet tekniċi tal-espert mediku, din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, tqis li l-appellant ma seħħlux jipprova li d-deċiżjonijiet tat-Tabib Spiteri li jħalli lill-vittma bl-istess ħwejjeġ li daħlet bihom l-isptar, u li jpoġġiha fil-'*general ward 6*' taħt '*collective nursing supervision*' kienu xi deċiżjonijiet li l-ebda tabib jew speċjalista ieħor, b'għaqal ordinarju, ma kien sejjer iwettaq fil-kors normali tal-qadi tad-dmirijiet professjonali tiegħu. L-ilmenti tal-appellant sa fejn għandhom x'jaqsmu ma' dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar in-nuqqas ta' responsabbiltà tal-appellat Tabib Spiteri qegħdin għalhekk jiġu miċħuda;

---

[26] Ara n-*'nursing report'* ta' Connie Magro, f'paġna 98 tal-proċess u punt 6 tal-konklużjoni tal-espert mediku, f'paġna 367 tal-proċess.

20. Imiss issa jiġu mistħarrġa dawk l-ilmenti tal-appellant sa fejn jolqtu dik il-parti tas-sentenza appellata fir-rigward tan-nuqqas ta' responsabbiltà tal-bqija tal-imħarrkin, fil-kapaċità tagħhom bħala responsabbli mit-tmexxija tal-iSptar *Monte Carmeli*. F'dan ir-rigward, l-appellant qiegħed iressaq żewġ xorta ta' ilmenti, wieħed imsejjes fuq il-'*culpa in eligendo*' minħabba n-nuqqasijiet li qed jgħid li wettqet l-infermiera Connie Magro, u l-ieħor dwar in-nuqqas ta' sigurtà fl-ambjent tal-iSptar *Monte Carmeli*;

21. Nibdew b'dawk tal-ewwel u sewwasew in-nuqqasijiet li l-appellant qiegħed jixli bihom lil Connie Magro. F'dan ir-rigward, l-appellant qiegħed jgħid li Connie Magro kienet negliġenti kemm għaliex ma mxietx mal-proċeduri tal-isptar billi ma għamlitx tfittxija tajba fuq il-persuna tal-vittma għal kull ħaġa li setgħet tkun ta' periklu għaliha jew għal ħaddieħor, kif ukoll għaliex naqset milli tivverifika jekk il-pazjenta marritx tassew fil-kamra tal-banju jew inkella f'xi post ieħor;

22. Bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma ssib xejn negliġenti fl-imġiba tal-infermiera Connie Magro. Ir-raġuni għalfejn il-vittma tħalliet bl-istess ħwejjeġ, magħdud il-kowt li kien jinqafel b'ċinotrin tad-drapp, ma kinitx xi deċiżjoni tagħha iżda d-deċiżjoni tat-Tabib Spiteri[27] li, kif rajna, kienet imsejsa fuq eżami preliminari mediku li twettaq skont il-prattiċi aċċettati

[27] Ara: (i) x-xhieda ta' Connie Magro f'paġna 178 tal-proċess, u (ii) l-kontroeżami tad-Direttur tal-Psikjatrija fl-iSptar *Monte Carmeli*, it-Tabib Joseph Saliba, f'paġni 212 u 213 tal-proċess.

fil-qasam tal-psikjatrija. Hekk ukoll, il-fatt li l-vittma tħalliet tmur ġol-kamra tal-banju mingħajr superviżjoni kienet konsegwenza tal-fatt li l-vittma ma tqegħditx mit-tabib taħt il-protokoll tal-'*constant watch*', iżda taħt dak tal-'*collective nursing supervision*' bi '*freedom of movement*'[28]. Għandu wkoll jiġi osservat li ma huwa minnu xejn li Magro ma wettqet l-ebda tfittxija fuq il-persuna tal-vittma, bi ksur tal-proċeduri tal-isptar. Minn dokument imsemmi bħala '*Record of Patient's Valuables on Admission*'[29], jirriżulta li Connie Magro tassew wettqet it-tfittxija fuq il-persuna tal-vittma għall-'oġġetti perikolużi', li fi kliem id-Direttur tal-Psikjatrija ta' dak iż-żmien, kienu meqjusa bħala: "*hard, pointed objects, arms, drugs*" u li ma kinux jinkludu ċintorini, lazzijiet u ġiżirajjen[30]. Ma jirriżultax għalhekk li Magro kienet negliġenti fil-qadi ta' dmirijietha jew inkella li naqset mir-responsabiltajiet tagħha;

23. Mhux l-istess għandu jingħad dwar l-ilmenti tal-appellant li t-tmexxija tal-iSptar naqset milli tiżgura li l-ambjent fl-iSptar *Monte Carmeli* jkun wieħed sigur u b'riskji mnaqqsa għax-xorta ta' pazjenti li jilqa' fih. Kontra l-impressjoni li wieħed jista' jieħu mis-sentenza appellata, il-vittma ma temmitx ħajjitha ġewwa l-kamra tal-banju tal-pazjenti, iżda ġewwa kamra oħra li, fil-fehma tal-Qorti, il-vittma ma kellha qatt ikollha aċċess għaliha. Tabilħaqq, minn ħarsa lejn ir-relazzjoni tal-Perit Richard

---

[28] Paragrafu 14, *supra.*
[29] F'paġna 97 tal-proċess.
[30] Ara r-rapport tad-Direttur tal-Psikjatrija A. Galea, datat 8 ta' Jannar 1990, f'paġna 103 tal-proċess.

Aquilina, li tħejjiet fuq talba tal-maġistrat inkwerenti, jirriżulta li f'dan il-każ, il-vittma: "*instabet mejta, mgħallqa, <u>fis-"Sluice Room</u>" fejn jinżammu l-ħwejjeġ għal ħasil*"[31]. Ikompli jfisser li f'din il-kamra "*kien hemm erbgħa "linen baskets" kbar, mejjilla bi "flushing" fuqha. Dan il-"flushing kellu "angle valve" fin-naħa tax-xellug tiegħu li kien f'għoli ta' tnejn punt zero tmienja (2.08) metri, (6' 10"), mill-art. Ma' dan l-"angle valve" kien hemm ċintorin blu skur, bħal "raincoat" ta' fuq il-katavru*"[32]. Filwaqt li din id-deskrizzjoni hija diġà biżżejjed biex il-Qorti taqbel mal-appellant li dik il-kamra tassew offriet lill-vittma ċ-ċirkustanzi xierqa u addattati sabiex ittemm ħajjitha bil-mezz traġiku tat-tgħallieq[33], il-Qorti rat li la fir-risposta għall-appell u wisq anqas matul il-kawża, l-appellati naqsu għalkollox milli jagħtu l-iċken spjegazzjoni dwar kif il-vittma irnexxielha tidħol ġo dik il-kamra hekk perikoluża. Hekk ukoll, la l-espert mediku u lanqas il-perit legali ma jidher li qiesu l-fatt li l-vittma neħħiet ħajjitha b'idejha ġewwa kamra li żgur ma kinitx maħsuba għall-pazjenti, iżda għall-ħaddiema tal-iSptar;

24. Kull min joffri servizz ta' sptar mhux biss huwa kontrattwalment obbligat li joffri lill-pazjenti l-kura meħtieġa, iżda wkoll ambjent fejn is-saħħa u s-sigurtà tal-istess pazjenti jkunu mħarsa minn kull għawġ li huwa raġonevolment prevedibbli. Żgur li mhuwiex imprevedibbli għal

[31] Ara r-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina, (Dok RA) fl-atti tal-*Proces Verbal* dwar il-mewt tal-vittma, f'paġna 76 tal-proċess.
[32] *Ibid*.
[33] Fir-rapport tal-awtopsja, il-Professur M.T. Camilleri u Dr. S. Ali kkonstataw li l-kawża tal-mewt tal-vittma kienet *"Asphyxia due to hanging".*

dawk responsabbli mit-tmexxija ta' sptar bħal dak ta' *Monte Carmeli*, li jista' jkun hemm pazjenti li, fl-istat vulnerabbli li jkunu jinsabu fih, ifittxu li jneħħu ħajjithom b'idejhom minħabba t-tiġrib qalil li jkunu għaddejjin minnu. Irrispettivament f'liema sala jkunu qed jinżammu, u aktar w aktar f'dawk il-postijiet tal-isptar fejn is-sorveljanza ma tkunx daqstant qawwija jew iffukata fuq persuna partikolari[34], l-ambjent tal-isptar għandu jkun wieħed sigur li kemm jista' jkun ixejjen il-possibiltà li l-pazjent ikollu fejn jweġġa' lilu nnifsu jew inkella li jtemm ħajtu b'idejh. F'dan il-każ, b'sogħba jkollu jingħad li t-tmexxija tal-iSptar *Monte Carmeli*, minflok ma wettqet dan id-dmir, inspjegabbilment ħalliet lill-vittma aċċess għall-kamra li fiha kien hemm iċ-ċirkustanzi kollha ideali sabiex din setgħet titgħallaq f'lok li ma kienx jagħti fil-għajn. Fil-fehma tal-Qorti, dan ma jixhidx l-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja li l-liġi titlob fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet, u fid-dawl ta' dan, il-Qorti jidhrilha li l-Ewwel Qorti kellha tabilħaqq għaliex issib lil dawk l-imħarrkin li huma inkarigati mit-tmexxija tal-iSptar bħala b'xi mod responsabbli għall-mewt tal-vittma;

25. Dwar min mill-imħarrkin għandu jitqies li huwa responsabbli mit-tmexxija tal-iSptar, u konsegwentement għall-mewt tal-vittma, il-Qorti, filwaqt li tosserva li l-imħarrkin ma ressqu l-ebda appell inċidentali dwar dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha sabithom bħala l-kontraditturi leġittimi għat-talbiet tal-attur *nomine*, fl-istess waqt tqis li, fih innifsu, is-

[34] Il-Perit Richard Aquilina, ikkonstata li *"id-distanza ta' bejn il-kamrin fejn sa l-inċident u l-klinika, hi pjuttost twila u ċioè, tnejn u tletin punt tlieta (32.3) metri, (106'0")."*

sejbien li parti hija l-leġittimu kontradittur ma jżommx lill-Qorti milli sussegwentement, u meta tistħarreġ il-mertu, issib li dik il-parti ma kellha twieġeb xejn għall-allegazzjonijiet li saru kontriha mill-parti attriċi[35]. Fil-fehma tal-Qorti, għalhekk f'dan il-każ, l-inċident ġara bi ħtija ta' min kien responsabbli mit-tmexxija ta' kuljum ("*day-to-day*") tal-iSptar *Monte Carmeli*, u mhux bi ħtija tal-awtorità li taħtha taqa' dik it-tmexxija, jiġifieri l-Ministru appellat. Għalkemm il-Ministru huwa mistenni li jieħu interess u jinvolvi ruħu b'mod attiv fil-qasam li għalih ikun responsabbli[36], madankollu l-Ministru m'għandux ikun raġonevolment mistenni li jinvolvi ruħu fit-tmexxija ta' kuljum tal-iSptar. La ma tressqitx xi prova li l-Ministru naqas b'xi mod jew b'ieħor, m'għandux għalhekk jinżamm responsabbli għall-mewt tal-vittma. Ma jistax però jingħad l-istess għall-appellat Tabib Ewlieni tal-Gvern u d-Direttur tal-Psikjatrija fl-iSptar *Monte Carmeli*. Huwa mifhum li l-funzjoni tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern "*ma tieqafx biss fl-għażla w l-ħatra tat-tobba u l-istaff mediku imma* ***testendi wkoll għas-sorveljanza u l-amministrazzjoni ġornaljera*** *tal-addetti tiegħu, u fejn dawn jonqsu hu għandu d-dover li jagħmel tajjeb għad-danni kaġjonati minnhom*"[37]. F'dan il-każ, dan kollu jkompli jidher fil-fatt li t-Tabib Ewlieni tal-Gvern mhux biss ġie mgħarraf bl-inċident, iżda ntbgħatlu rapport

[35] Ara ***'Adrian Camenzuli v. Mitul Dave et.'*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-**23 ta' Settembru, 2022** (Rik. 505/2021) (mhix appellata) §20.

[36] Ara '***Vincent Chetcuti v. Direttur Ġenerali tal-Ħabs et.'***, deċiża minn din il-Qorti fl-**1 ta' April, 2014** (App. Ċiv. 608/1995/1).

[37] Silta meħuda mis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet '***Emmanuel Sammut et. v. Chief Government Medical Officer et.'*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-**12 ta' Diċembru, 2002** u kkonfermata fuq dan l-aspett minn din il-Qorti fit-**12 ta' Ottubru, 2006** (Ċit. 2804/19996/1).

dettaljat b'dak li ġara, u ffirmat minn idejn il-Professur A. Galea, bħala '*physician superintendent*', li wiegħdu wkoll li "*any information about the mageserials enquriy* (sic) *which comes to my knowledge will be communicated to you*"[38]. Naturalment, li kieku t-Tabib Ewlieni tal-Gvern ma kellux x'jaqsam mal-amministrazzjoni tal-iSptar *Monte Carmeli*, dan ma kienx ser jirċievi din l-għamla ta' rapport. Hekk ukoll, li kieku d-Direttur tal-Psikjatrija fl-iSptar *Monte Carmeli* ma kellu x'jaqsam xejn mal-att amministrattiv tal-istess Sptar, dan ma kienx sejjer jibgħat dak ir-rapport dettaljat lis-superjur tiegħu, li fih fisser x'kienu l-proċeduri tal-iSptar u kkumenta dwar bosta aspetti ta' natura amministrattiva tal-istess Sptar. Il-Qorti għalhekk tqis li huma l-appellati Direttur tal-Psikjatrija fl-iSptar *Monte Carmeli* u t-Tabib Ewlieni tal-Gvern li għandhom jinżammu solidalment responsabbli għall-mewta traġika ta' Junping Van Den Hoek;

26. Filwaqt li dan għandu jkun biżżejjed biex il-Qorti ddawwar s-sentenza appellata sa fejn għandha x'taqsam mal-ewwel parti tal-ewwel talba tal-attur *nomine*, il-Qorti tqis li, f'din ix-xorta ta' kawża, l-appellant kien ukoll mistenni li jġib prova tajba tad-dannu li jippretendi li ġarrab. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li, f'kawżi ta' din l-għamla, mhuwiex biżżejjed għall-attur li juri li seħħu dawk il-ġrajjiet li jkun qiegħed jilmenta dwarhom, iżda wkoll għandu juri li minħabba dawk il-ġrajjiet huwa ġarrab il-ħsara, u jrid iġib prova tajba ta' x'kienet dik il-ħsara. Il-prova ta' dik il-

[38] Ara r-rapport tal-Profs. A. Galea, datat 8 ta' Jannar, 1990 u indirizzat lit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, f'paġni 103 u 104 tal-proċess.

ħsara tibqa' dejjem fuq min jallegaha, u f'każ li l-attur jonqos milli jipprovaha kif jixraq, it-talba għad-danni jkollha tfalli taħt ir-regola ġenerali li *actore non probante reus absolvitur*[39];

27. Il-Qorti tosserva li f'dan il-każ, minn eżami sħiħ tal-atti jirriżulta li l-unika riferenza li saret mill-attur *nomine* għad-danni li qed jgħid li ġġarrbu kienet fl-affidavit tar-raġel tal-vittma, li fih dan fisser li: (i) martu kienet mara tad-dar u għalliema każwali fl-ilsien Ċiniż, li minn dan ix-xogħol kellha dħul ta' madwar għaxart elef Fjorin Olandiż (HFL10,000) fis-sena, u (ii) li minħabba l-mewt ta' martu huwa kellu jibgħat lil ibnu f' "*day care centre*" bejn Frar tas-sena 1990 u April tas-sena 1992, b'nefqa globali ta' tlieta u għoxrin elf Fjorin Olandiż (HFL23,000). Għalkemm huwa minnu li l-imħarrkin ma kkonfrontawx lir-raġel tal-vittma dwar din l-istqarrija, il-Qorti tqis li dan il-fatt waħdu ma ħelisx lill-attur mill-piż li jressaq prova kif imiss tad-danni[40] u li jagħmel dan billi jressaq l-aħjar provi li seta' jġib fiċ-ċirkustanzi[41]. Dawn iż-żewġ regoli tal-aħħar huma meqjusa bħala s-sinsla tal-aspett probatorju ta' kull kawża dwar ħtija akwiljanaa[42] u dan jgħodd ukoll jekk il-parti mħarrka ma tressaq l-ebda provi biex twaqqa'

---

[39] Ara *'**Anthony Borg et. v. Dottor Tonio Mallia noe. et.**'*, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-**31 ta' Jannar, 2012** (Ċit. 2792/1998/1) (mhux appellata)
[40] Artikolu 562 tal-Kap 12.
[41] Artikolu 559 tal-Kap 12.
[42] Ara *'**Joseph Żammit et. v. Paul Żammit**'*, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-**28 ta' Ottubru, 2004** (Ċit. Nru. 1668/1998/1) (mhux appellata).

wħud mill-pretensjonijiet tal-parti attriċi, il-parti attriċi tibqa' f'kull każ obbligata li tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[43];

28. Bi tħaddim ta' dan kollu għal dan il-każ, il-Qorti tqis li l-istqarrija b'affidavit tar-raġel tal-vittma hija biss kalkolu tad-danni, u bl-ebda tiġbid ta' immaġinazzjoni ma tista' titqies li hija l-aħjar prova li setgħet tinġieb tad-danni li seta' ġarrab[44]. Tassew, ma sar l-ebda tentattiv min-naħa tal-attur *nomine* sabiex minn tal-anqas jissostanza ċ-ċifri msemmija mir-raġel tal-vittma bi provi dokumentarji li setgħu faċilment jitressqu u li l-Qorti setgħet tiżen u forsi toqgħod fuqhom. Agħar minn hekk, l-appellant lanqas ma ressaq xi spjegazzjoni għalfejn huwa ma ressaqx dawk id-dokumenti, biex forsi din il-Qorti kienet tkun tista' tgħaddi għal xi likwidazzjoni ekwitattiva tad-danni li, skont il-ġurisprudenza, hija riżervata għal dawk il-każijiet biss fejn kien impossibbli jew irraġonevolment diffiċli għall-vittma biex tressaq provi dwar id-danni mġarrba minnha[45]. Għalkemm ftit jista' jkun hemm dubju li l-mewt traġika tal-vittma ħalliet xi xorta ta' dannu fuq l-attur, dan fi żgur li ma setax jistenna li jneħħi minn fuq spallejh il-prova tal-kwantità ta' dawk id-danni u dan billi jappella għas-sens ta' ħniena jew id-dehen arbitrali tal-ġudikant mingħajr ma

[43] Ara *'**Howard Willey et. v. Vincent Vella'**,* deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-**14 ta' Jannar 2016** (Rik. Nru. 552/09) (mhux appellata).
[44] Ara ***'Miller Distributors Limited v. Malcom Zarb et.'***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-**10 ta' Ottubru, 2019** (Ċit. Nru. 1011/01) (mhux appellata).
[45] Ara ***David Gatt v. Onor Prim. Ministru et.*** deċiża minn din il-Qorti fl-**4 ta' Mejju, 2022** (App. 1262/10/1) §20.

jagħmel dak li huwa mistenni minnu bil-liġijiet tal-proċedura[46]. Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ, ir-raġel tal-vittma seta' faċilment jipprova d-danni li allega li ġarrab billi jressaq kopja tal-irċevuti tal-ħlasijiet li jgħid li huwa għadda lid-'*day care centre*' fejn allegatament bagħat lil ibnu sakemm dan beda jattendi l-livell primarju tal-edukazzjoni. Daqstant ieħor l-appellant *proprio* seta' faċilment ressaq provi dokumentarji dwar il-medja tad-dħul tal-vittma billi jressaq id-dokumenti tat-taxxa fuq id-dħul tal-vittma jew inkella l-'*payslips'* mill-iskola privata bl-isem ta' *'Interlingua',* u dan għal dawk is-snin ta' wara li kienet ħarġet mill-isptar psikjatriku, biex jipprova kemm kienet il-medja tad-dħul tal-vittma fis-snin ta' qabel ma ħalliet din id-dinja. Billi l-vittma kienet ukoll mara tad-dar u x-xogħol tad-dar fih ukoll valur ekonomiku[47], l-appellant *proprio* seta' wkoll faċilment iressaq prova dwar kemm kienet il-paga minima nazzjonali fl-Olanda fis-sena tal-mewt traġika ta' martu. Għar-raġunijiet li jaf hu biss, l-appellant *proprio* ma għamel xejn minn dan u għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis li l-appellant ma seħħlux jipprova l-kwantità tad-danni bil-mod u sal-grad ta' kif inhu mitlub minnu mil-liġi tal-proċedura;

**Deċide:**

29. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

---

[46] Ara '***Trevor Grech v. Lawrence Agius',*** deċiża minn din il-Qorti fil-**15 ta' Ġunju, 2023** (App. Ċiv. 1030/2013/1) §19.

[47] Ara '***Linda Busuttil Cordina et. v. Dr. Josie Muscat u Tania Spiteri',*** deċiża minn din il-Qorti fis-**27 ta' Ġunju, 2014** (App. Ċiv. 2429/1998/1), kif ukoll il-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija.

**<u>Tilqa' f'parti l-appell</u>** tal-attur *nomine* u b'hekk qiegħda **<u>tirriforma</u>** s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ottubru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi:

(i) **tħassarha** f'dik il-parti fejn laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-imħarrkin Direttur tal-Psikjatrija fl-iSptar *Monte Carmeli*, u t-Tabib Prinċipali tal-Gvern, u minflok tiċħad dik l-eċċezzjoni;

(ii) **tħassarha** fejn ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur *nomine*, u minflok, tilqa' f'parti l-ewwel talba billi ssib lill-imħarrkin Direttur tal-Psikjatrija fl-iSptar *Monte Carmeli* u lit-Tabib Prinċipali tal-Gvern bħala responsabbli *in solidum* għall-mewt ta' Junping Van Den Hoek, filwaqt li tiċħad il-bqija tat-talbiet attriċi;

(iii) **tħassarha** wkoll sa fejn għandu x'jaqsam il-kap tal-ispejjeż, u minflok, tordna lill-imħarrkin Direttur tal-Psikjatrija fl-iSptar *Monte Carmeli* u lit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, sabiex iħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji kollha tal-ewwel istanza solidalment bejniethom, u dan bl-eċċezzjoni li: (i) l-attur *nomine* għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ġudizzjarji tat-Tabib Spiteri u ta' nofs l-ispejjeż tal-Ministru tas-Saħħa, u li (ii) n-nofs l-ieħor tal-ispejjeż tal-Ministru tas-Saħħa għandhom jitħallsu mill-istess Ministru tas-Saħħa, u dan billi t-tieni eċċezzjoni

preliminari tal-istess ġiet miċħuda mill-Ewwel Qorti u ma sar l-ebda appell dwarha; u

(iv) għall-bqija **tikkonferma s-sentenza appellata** sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza;

Sa fejn imbagħad għandhom x'jaqsmu l-**ispejjeż ta' din l-istanza**, il-Qorti tordna lill-imħarrkin Direttur tal-Psikjatrija fl-iSptar *Monte Carmeli* u lit-Tabib Prinċipali tal-Gvern sabiex iħallsu l-ispejjeż kollha marbuta mal-proċeduri tal-appell *in solidum* bejniethom, u dan bl-eċċezzjoni tal-ispejjeż tat-Tabib Spiteri u tal-Ministru tas-Saħħa, li għandu jagħmel tajjeb għalihom l-attur *nomine*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm